MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 99/2019/1 LM

**Karl Bugeja (K.I. Numru 123891M) u**
**Thea Camilleri (K.I. Numru 197493M)**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Francis Agius (K.I. Numru 861449M)**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Francis Agius (K.I. Numru 861449M)** (minn issa 'l quddiem "l-appellant") minn deċiżjoni mogħtija mill-

Bord li Jirregola l-Kera (minn issa ‘l quddiem “il-Bord”), fis-7 ta’ Ottubru, 2019 (minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi,

> *“... filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, jilqa’ l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti u ai fini tal-iżgumbrament qiegħed jiffissa terminu perentorju ta’ xahrejn mil-lum.*
>
> *Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat.”*

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti **Karl Bugeja (K.I. Numru 123891M)** u **Thea Camilleri (K.I. Numru 197493M),** hawnhekk “l-appellati”, huma sidien tal-fond bin-numru 43, Triq Isouard, Tas-Sliema (minn issa ’l quddiem “il-fond”), li nxtara minnhom b’kuntratt ippubblikat fis-7 ta’ April, 2014 fl-atti tan-Nutar Ann Bugeja. Ir-rikorrenti jgħidu li l-fond inkwistjoni oriġinarjament kien mikri lill-ġenituri tal-intimat, imma l-intimat m’għandu l-ebda ftehim għall-kiri ta’ dan il-fond, jew xi forma ta’ kuntratt mar-rikorrenti jew mal-awturi fit-titolu tagħhom. Ir-rikorrenti jgħidu li minkejja li huma interpellaw lill-intimat diversi drabi sabiex dan iħallas il-kera dovuta minnu, huwa baqa’ inadempjenti. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll għaliex il-fond inkwistjoni mhux jinżamm fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni, u anki għaliex lilhom jirriżultalhom li l-intimat għandu pendenzi mal-ARMS dwar kontijiet tad-dawl u l-ilma li huwa naqas milli jħallas, u li jammontaw għal aktar minn erbat elef Euro. Ir-rikorrenti jgħidu li anki f’każ li l-

fond inkwistjoni għad jirriverti lura fil-pussess tagħhom, huma ser jiġu ppreġudikati għaliex fil-fond inkwistjoni hemm il-ħtieġa ta' manutenzjoni qawwija, kif ukoll għaliex x'aktarx li s-servizzi tad-dawl u l-ilma ser ikunu nqatgħu, u għalhekk huma ser ikollhom jagħmlu tajjeb għall-pendenzi dovuti mill-intimat sabiex fil-fond jiddaħħlu dawn is-servizzi mill-ġdid. Ir-rikorrenti esprimew tħassib dwar jekk hux minnu li l-intimat jgħix fil-fond inkwistjoni, kemm minħabba fl-istat ta' telqa li dan il-fond tħalla fih u anki minħabba l-fatt li aktarx li fil-fond m'għadx hemm dawl u ilma.

**Mertu**

3. Permezz tal-azzjoni tagħhom quddiem il-Bord, ir-rikorrenti talbu li l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ skont kif permess fl-artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li talbu lill-Bord jordna lill-intimat jivvaka mill-fond bin-numru 43, Triq Isouard, Tas-Sliema, b'terminu qasir u perentorju għall-iżgumbrament mill-fond, u li jirritorna l-fond bil-pussess battal lir-rikorrenti, filwaqt li talbu lill-Bord jikkundanna lill-intimat għall-ħlas ta' erbat elef, sitt mija u sebgħa u erbgħin Euro u sitt ċenteżmi (€4,647.06) rappreżentanti arretrati tad-dawl u l-ilma dovuta lill-ARMS, kif ukoll jikkundanna lill-intimat jagħmel tajjeb għal kull ħsara li huwa seta' kkaġuna fil-fond tar-rikorrenti.

Flimkien mar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu huma xtraw il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri mill-poter ta' Josephine Alford u Laurenza Micallef. Ir-rikorrent **Karl Bugeja**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li fis-sena 2014, hu u oħtu kienu ddeċidew li jinvestu xi flus li kellhom fi proprjetà, u kienu ddeċidew li jixtru bejniethom dan il-fond f'Tas-Sliema. Qal li dak iż-żmien huma kienu jafu li fil-fond kien joqgħod Francis Agius, li kien ilu jgħix fil-fond għal diversi snin, u li oriġinarjament il-fond kien inkera lill-ġenituri tiegħu. Ir-rikorrent spjega li wara li hu u oħtu ffirmaw il-kuntratt ta' bejgħ, missierhom kien mar ikellem lill-intimat, kemm sabiex tinbena relazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll sabiex isir ftehim mal-intimat dwar kif kienet ser tibda titħallas il-kera dovuta. Ir-rikorrent qal li l-intimat irrifjuta li jħallas il-kera, u wara xi żmien ir-rikorrenti kienu saru jafu li l-intimat kellu xi arretrati pendenti mal-ARMS ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma li ma tħallsux minnu. Ir-rikorrent spjega li mir-riċerki li saru minnu u minn oħtu, huma kienu saru jafu li l-intimat kien anki ġie interpellat mill-ARMS sabiex iħallas l-arretrati tal-kontijiet dovuti minnu, u r-rikorrenti bħala sidien jafu li ladarba l-fond inkwistjoni jirriverti lura fil-pussess tagħhom, aktarx li dawn il-pendenzi ser ikollhom jitħallsu minnhom, jew inkella ser ikollhom jiffaċċjaw sitwazzjoni fejn il-provvista tad-dawl u l-ilma fil-fond tiġi maqtugħa. Ir-rikorrent spjega li minkejja li hu u oħtu kienu bagħtu ittra lill-intimat sabiex dan jiżgombra mill-fond, in vista tal-fatt li dan kien ilu ma jħallas il-kera għal diversi snin, dan baqa' inadempjenti, u wara xi żmien kien bagħtilhom ittra permezz tal-avukat tiegħu, fejn talab li l-partijiet isibu kompromess bejniethom. Minkejja dan, qal

ir-rikorrent, hu u oħtu ma reġgħux semgħu mingħand l-intimat, u għalhekk ma kellhom l-ebda għażla oħra għajr li jistitwixxu l-proċeduri odjerni.

**Anthony Bugeja**, missier ir-rikorrenti, xehed li huwa kien sar jaf li s-sidien tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri kienu interessati li jbigħu l-fond, u għalhekk kien ħajjar lil uliedu biex jixtru din il-proprjetà. Qal li s-sidien dak iż-żmien kienu infurmaw lir-rikorrenti li l-fond inkwistjoni kien mikri lil ċertu Francis Agius. Huwa kompla jgħid li wliedu kellhom il-problemi bl-intimat għaliex dan qatt ma kien ħallas kera minn mindu xtraw il-fond.

L-intimat **Francis Agius** xehed quddiem il-Bord li huwa kien ilu joqgħod fil-fond minn meta kellu għaxar snin, meta kien mar jgħix fil-fond flimkien mal-ġenituri tiegħu. L-intimat qal li minkejja li huwa kien jipprova jħallas il-kera dovuta, din qatt ma ġiet aċċettata mis-sidien tal-fond. Qal ukoll li ma kienx jaf li seta' jiddepożita l-kera dovuta taħt l-awtorità tal-Qorti. L-intimat qal li r-rikorrenti offrewlu żewġ postijiet alternattivi fejn seta' jmur joqgħod minflok il-fond f'Tas-Sliema, iżda meta hu mar jarahom kien ikkonkluda li dawn ma kinux tajbin għalih. L-intimat spjega li dawn il-fondi alternattivi kienu qegħdin wieħed Tas-Sliema stess u l-ieħor Ħaż-Żebbuġ, u r-rikorrenti kienu offrewlu għaxart elef Euro (€10,000) sabiex ikun jista' jirranġa wieħed mill-postijiet offruti lilu. L-intimat ikkonferma quddiem il-Bord li għandu arretrati ta' madwar ħamest elef Euro (€5,000) mal-ARMS bħala kontijiet tad-dawl u l-ilma, iżda qal li mhux minnu li r-rikorrenti kienu offrew li jħallsulu l-arretrati dovuti.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2019, il-Bord ikkonkluda li ser jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tar-rikorrenti, filwaqt li laqa' l-ewwel żewġ talbiet tagħhom u pprefiġġa terminu ta' xahrejn għall-iżgumbrament tal-intimat mill-fond, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi mir-riżultanzi proċesswali rriżulta li r-rikorrenti akkwistaw il-proprjetà mertu tal-proċeduri minn ċerti Josephine Alford u Laurenza Micallef permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-7 ta' April 2014 min-Nutar Ann Bugeja. Fl-istess kuntratt ġie rikonoxxut li fil-fond kien hemm inkwilin.*

*Jirriżulta li l-kirja odjerna kienet kirja ta' qabel is-sena 1995 u li oriġinarjament kienet titħallas lil ċertu A. Vella. L-intimat xehed li huwa ilu joqgħod fil-fond in kwistjoni sa minn mindu kien żgħir flimkien mal-ġenituri tiegħu. L-intimat ġab miegħu l-ktieb tal-kera li ntwera lill-Bord u lir-rikorrenti minn fejn jirriżulta li l-aħħar kera li tħallset kienet fis-sena 2010 u l-intimat xehed li huwa pprova jħallas il-kera iżda s-sid il-ġdid fuq it-telefown daħak f'wiċċu u fl-istess nifs qal li ma kienx jaf min hu s-sid u waqt l-istess xhieda, għaraf lil missier ir-rikorrenti li kien preżenti fl-Awla bħala li tkellem miegħu dwar il-kera. Qal li ma ddepożitax il-kera billi ma kienx jaf li kellu jagħmel hekk.*

*L-intimat talab li jingħata d-dritt li jippreżenta risposta iżda l-Bord ċaħad it-talba tiegħu billi qies li ma għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti.*

*Fl-ewwel lok, waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-intimat sostna li r-rikorrenti m ġabux il-prova tal-provenjenza tal-proprjetà tenut kont li oriġinarjament ma kinux huma l-proprjetarji tal-fond.*

*F'dan l-istadju ssir referenza għall-kuntratt esebit in atti fejn hemm kjarament indikat is-segwenti:*

*"For the purpose of article sixty-five (65) of the Duty on Documents and Transfers Act it is hereby being declared that the Vendors inherited the property from Antonio sive Anthony Vella, who died on the third October two thousand and eleven*

*(03.10.2011); the said Antonio Vella died testate, with a will in the records of Notary Patrick Critien dated the eighteenth June two thousand and eleven (19.06.2011)."*

*Il-Bord jidhirlu li bħala prova ta' titolu dan huwa suffiċjenti għaliex hawn non si tratta ta' azzjoni rivendikatorja. Oltre dan ma jridx ukoll jiġi injorat il-fatt li l-intimat ġie notifikat b'ittra uffiċjali mir-rikorrenti odjerni u huwa rrisponda b'itta b'avukat fejn ma jirriżultax li kellu xi diffikultà li r-rikorrenti mhux is-sidien tal-fond.*

*Stabbilit dan, l-intimat sostna li huwa ried iħallas iżda ma kienx jaf min kienu s-sidien. L-intimat mhux kredibbli u dan għal diversi raġunijiet: tant l-intimat kien jaf min huma billi kien irċieva ittra uffiċjali li huwa rrisponda, iżda mhux biss jammetti li ġie offrut żewġ postijiet alternattivi imma għar-raġunijiet li ġew spjegati minnu m'aċċettax għaliex ma kinitx offerta vantaġġuża għalih. U anki kieku stess ma kienx jaf min huwa s-sid il-ġdid seta' staqsa. D'altronde huwa l-obbligu tal-inkwilin li jħallas il-kera. Mistoqsi direttament mill-Bord jekk qattx iddepożita l-kera fil-Qorti l-intimat wieġeb fin-negattiv bl-iskuża fjakka li ma kienx jaf li seta' sar hekk. B'kull dovut rispett, messu ħa parir dwar dan.*

*Jirriżulta mill-affidavits ta' Karl Bugeja u missieru Anthony Bugeja li l-intimat kien ġie mitkellem u għal diversi drabi ntalab li jħallas il-kera iżda huwa baqa' inadempjenti. Għaldaqstant intbagħtet ittra uffiċjali debitament notifikata, fejn permezz tagħha ingħata l-konġedo iżda huwa xorta waħda ma vvakax.*

*Fid-dawl ta' dan kollu, il-Bord iqis li l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti huma mistħoqqa.*

***Decide***

*Għal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, jilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti u ai fini tal-iżgumbrament qiegħed jiffisa terminu perentorju ta' xahrejn millum.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat."*

**L-Appell**

5. L-appellant ippreżenta l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Bord fl-24 ta' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 t'Ottubru 2019, u tagħti l-fakultà lill-appellant iressaq dawk l-eċċezzjonijiet permissibbli lilu skont il-liġi."*

L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex: (i) il-Bord missu laqa' t-talba tal-appellant li *prima facie* kien hemm biżżejjed raġunijiet sabiex dan idaħħal l-eċċezzjonijiet tiegħu, minflok iddeċieda l-kawża bid-dispensa tas-smigħ; (ii) l-appellant għandu jitqies kredibbli fix-xhieda mogħtija minnu, anki għaliex huwa xehed is-sewwa meta fil-kontroeżami kkonferma li kienu saru tentattivi ta' arranġament ma' missier ir-rikorrenti, u li huwa m'għandux dawl fil-post. L-appellant insista li jekk huwa kien meqjus kredibbli f'dawn iċ-ċirkostanzi, kellu jitqies kredibbli anki f'aspetti oħra tax-xhieda tiegħu.

**Ir-risposta tal-appell**

6. Fir-risposta tal-appell tagħhom ippreżentata fil-25 ta' Novembru, 2019, l-appellati wieġbu li l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud, u li s-sentenza mogħtija mill-Bord għandha tiġi kkonfermata. B'riferiment għall-

ewwel aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li mhux minnu li huma qatt ma marru jiġbru l-kera, jew li huma b'xi mod irrifjutaw li jiffirmaw il-ktieb tal-kera. Qalu li mhux talli dan mhux minnu, talli mill-provi li tressqu quddiem il-Bord, għandu jirriżulta li kemm l-appellati kif ukoll missierhom għamlu diversi tentattivi sabiex jibnu relazzjoni mal-appellant sabiex dan ikun jista' jibda jħallas il-kera, iżda rriżultalhom li l-appellant qatt ma kellu intenzjoni li jħallas il-kera dovuta minnu. Qalu wkoll li l-obbligu tal-ħlas tal-kera jinkombi fuq l-inkwilin, u għalhekk l-oneru li jara kif jagħmel sabiex iħallas il-kera dovuta minnu kien jinkombi unikament fuq l-appellant. L-appellati żiedu jgħidu li mill-provi jirriżulta wkoll li l-appellant kien ilu ma jħallas il-kera mill-2010, jiġifieri madwar erba' snin qabel ma huma akkwistaw il-fond. Żiedu jgħidu li kwalunkwe nuqqas ta' ħlas tal-kera da parti tal-inkwilin jammonta għal vjolazzjoni serja tal-kuntratt lokatizju u tar-relazzjoni bejn is-sidien u l-inwilin.

B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li l-appellant ma jistax jitqies kredibbli sempliċement għaliex ammetta li kien hemm tentattivi ta' arranġament ma' missier l-appellati, jew għaliex ikkonferma li fil-fond inkwistjoni m'hemmx dawl. Qalu li l-appellant kien selettiv f'dak li kiteb fir-rikors tal-appell tiegħu, u diversi drabi waqt ix-xhieda tiegħu huwa naqas milli jgħid il-verità. L-appellati qalu li minkejja li l-appellant allega li kull darba li huwa pprova jħallas il-kera, is-sid kien jinfaqa' jidħaq u jaqta' l-linja tat-*telephone,* huwa naqas milli jgħid li l-appellati kienu offrewlu xejn anqas minn żewġ postijiet fejn seta' jmur joqgħod, iżda huwa kien irrifjutahom it-tnejn. L-appellati qalu li l-appellant ma qalx il-verità meta qal li hu ma kienx irċieva l-

ittra uffiċjali mingħand l-appellati, anki meta muri l-ittra uffiċjali li ntbagħtitlu, u r-risposta li bagħat l-avukat tiegħu. L-appellati qalu wkoll li hemm dubji serji dwar kemm huwa minnu li l-appellat jgħix fil-fond inkwistjoni, partikolarment għaliex fil-fond m'hemmx servizz tad-dawl, u anki għaliex il-marixxal tal-Qorti li mar biex jinnotifika lill-appellant bl-atti, kiteb li l-fond inkwistjoni jinsab mitluq u żdingat, fattur dan li jindika li fil-fond inkwistjoni ma jgħix ħadd fih.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant flimkien mar-risposta tal-appellati, u dan fid-dawl u s-sentenza mogħtija mill-Bord.

*L-ewwel aggravju:* *Il-konvenut kellu eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talbiet tar-rikorrenti, iżda l-Bord iddeċieda li l-proċeduri għandhom jingħalqu bid-dispensa tas-smigħ*

7. Permezz ta' dan l-aggravju tiegħu, l-appellant isostni li kien hemm biżżejjed raġunijiet *prima facie* sabiex hu jitħalla jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, partikolarment għaliex huwa kien offra li jħallas il-kera dovuta lill-appellati, iżda dawn baqgħu ma marrux għaliha.

Fir-rikors tagħhom l-appellati għar-raġunijiet spjegati minnhom, talbu lill-Bord, lill-appellant jiġi żgumbrat mill-fond inkwistjoni, u talbu wkoll li l-kawża tiġi

deċiża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-artikolu 16A tal-Kap. 69, peress li fil-fehma tagħhom l-appellant ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talbiet imressqin minnhom. Jirriżulta li kien hemm diversi diffikultajiet biex l-appellant seta' jiġi nnotifikat bir-rikors promotur, tant hu hekk li n-notifika finali tiegħu saret bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni. Jirriżulta wkoll li meta l-appellant deher quddiem il-Bord l-ewwel darba, huwa ma kienx rappreżentat minn avukat, u l-Bord ikkonċeda differiment wieħed lill-appellant sabiex seta' jkun rappreżentat minn avukat tal-Għajnuna Legali, li kien mistenni li jagħmel sottomissjonijiet f'isem l-appellant dwar jekk il-proċeduri quddiem il-Bord kellhomx jitkomplew b'mod sommarju. Fis-seduta ta' wara, il-Bord sema' x-xhieda tal-appellant, u wara li sema' s-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet, wasal għall-konklużjoni li l-appellant ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti, u għalhekk il-kawża setgħet tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ.

Din il-Qorti kkonsidrat li minkejja li l-appellant ma tħalliex jippreżenta formalment l-eċċezzjonijiet tiegħu, fix-xhieda tiegħu spjega x'kellu xi jgħid fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti. Din il-Qorti eżaminat dak li xehed l-appellant, li qiegħed jinsisti li huwa għamel diversi tentattivi biex iħallas il-kera dovuta minnu, iżda din ma ġietx aċċettata mill-appellati. Dan jikkontrasta sew ma' dak li xehdu l-appellati, li qalu li minkejja li huma ppruvaw jistabbilixxu relazzjoni mal-appellant, dan baqa' qatt ma ħallas il-kera dovuta minnu. Jirriżulta wkoll li l-appellant kien ilu ma jħallas il-kera dovuta minnu diversi snin qabel ma l-fond ġie akkwistat mill-appellati. L-appellant kien skars mal-verità u kkontradixxa lilu nnifsu meta qal li mhux minnu li l-appellati offrewlu fond alternattiv fejn

imur jgħix, jew meta qal li l-appellati qatt ma interpellawh b'xi mod sabiex iħallas dak dovut minnu. Imma sussegwentement irriżulta li l-appellant kien wieġeb permezz tal-avukat tiegħu għall-ittra uffiċjali mibgħuta mill-appellati. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-appellant kien ikkuntattja avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jirribatti għall-interpellazzjoni li saritlu mill-appellati, dan baqa' ma rregolarizzax s-sitwazzjoni tiegħu u ma ħallasx il-kera dovuta minnu jew iddepożita l-ammont dovut fir-Reġistru tal-Qorti. Dan mhux aġir ta' xi ħadd li qiegħed ifittex li jikkonforma mal-obbliigi lokatizji tiegħu, u għalhekk din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li wasal għaliha l-Bord li l-appellant ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talbiet tal-appellati, u għalhekk tqis li dan l-aggravju mhux mistħoqq u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: il-kredibbilità tal-appellant*

L-appellant jgħid li l-Qorti kellha ssib li huwa persuna kredibbli għaliex f'partijiet tax-xhieda tiegħu nstab li kien qiegħed jgħid il-verità. Il-Qorti iżda hija tal-fehma li sabiex xhud ikun kredibbli, irid jikkonvinċi lill-Qorti li huwa qal il-verità f'kull waqt tax-xhieda tiegħu, u mhux ikun hemm waqtiet fejn huwa jikkontradixxi lilu nnifsu, bħal meta qal li mhux minnu li l-appellati offrewlu residenza alternattiva, jew meta qal li hu offra l-kera lill-appellati iżda dawn irrifjutawha jew infaqgħu jidħqu f'wiċċu. Jekk l-appellant ried jitqies li huwa xhud kredibbli, dan kellu jersaq quddiem il-Qorti biex juri li għamel dak kollu li seta' sabiex jaqdi l-obbligi tiegħu bħala inkwilin, u mhux iħalli l-fond fl-istat li jirriżulta li qiegħed fih, jew addirittura jonqos milli jħallas il-pendenzi tal-

kontijiet tad-dawl u l-ilma dovuta minnu. Il-massima li min jersaq quddiem il-Qorti jrid ikollu jdejh nodfa, tapplika partikolarment f'ċirkostanzi fejn xhud jew parti f'kawża jrid jikkonvinċi lill-Qorti mill-kredibbilità tiegħu.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhux ġustifikat u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord jibqgħu kif deċiżi, u bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**